MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Rikors Kongunt Numru. 325/2013

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew :

1. Huma zzewwgu f'Malta, fid-9 ta' Mejju 1998 (vera kopja tal-att taz-zwieg hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok. 'A') Minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal.
2. Il-partijiet infirdu personalment permezz ta' att pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat 14 ta' Mejju 2009 (vera kopja hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok. 'B').

3. Kif jidher minn klawsola numru erbgha (4) tal-att surriferit, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt rispettiv taghhom illi jircevu jew jitolbu manteniment minghand xulxin.
4. Ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
5. Ghaldaqstant ir-rekwiziti imposti mill-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jinsabu ampjament sodisfatti.
6. L-esponenti huma domiciljati u dejjem kienu ordinarjament residenti f' Malta.
7. L-esponenti qieghdin jikkonfermaw il-kontenut ta' dan ir-rikors bil-gurament taghhom.

Talbu, in vista tal-premess, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tippronunzja d-divorzju, ossia, il-hall taz-zwieg ikkontrattat bejniethom fid-9 ta' Mejju 1998 ;
2. tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien minnha stabbilit, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Lulju, 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-14 ta' Mejju 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------